MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tal-21 ta' Jannar, 2005

Citazzjoni Numru. 1176/1994/1

**Saviour Ellul ghan-nom u in rappresentanza ta' Elbros Construction Ltd.**
**Vs**
**AIC Joseph Ellul Vincenti ghan-nom u in rappresentanza ta' Enemalta Corporation, u b' nota tat-28 ta' Novembru 1994 il-Prokuratur Legali Jean Pierre Busuttil assuma l-atti tal-kawza ghan-nom tal-imsemmija Korporazzjoni**

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-citazzjoni li permezz tieghu l-attur nomine ppremetta u talab hekk:

Peress illi b'kuntratt ta' appalt datat l-1 ta' Awissu 1991, s-socjeta attrici nghatat xoghol mill-korporazzjoni konvenuta fuq is-sit tal-Power Station, f'Delimara, liema xoghol kellu jinbeda dakinhar stess u jitlesta fi zmien 26 gimgha;

U peress illi minhabba ragunijiet imputabbli unikament lill-korporazzjoni konvenuta x-xoghol kellu jitwaqqaf ghall-total ta’ 25 gimgha, u f’dan il-perjodu, s-socjeta attrici nkorriet danni;

U peress illi fil-kors tax-xogholijiet l-korporazzjoni ordnat xoghol “extra” fuq dak miftiehem u ta’ dana x-xoghol gie miftiehem prezz u estensjoni fiz-zmien ta’ 5.5 gimghat;

U peress illi s-socjeta’ attrici kkompletat ix-xoghol 30.5 gimghat wara l-perijodu stipulat, li minnhom il-korporazzjoni konvenuta qed tikkoncedi 5.5 gimghat tax-xoghol extra izda qed issostni illi x-xoghol gie kkompletat 25 gimgha wara l-perijodu miftiehem u ta’ dan il-perijodu zammet Lm7000 in linea ta’ penali;

Jghid il-konvenut nomine ghaliex din il-Qorti:-

1. M’ghandiex tiddecidi u tiddikjara illi kull zmien jew perijodu illi s-socjeta attrici kkompletat ix-xoghol miftiehem wara d-data pattwita kien dovut unikament u esklussivament ghal ragunijiet imputabbli ghall-korporazzjoni konvenuta;

2. M’ghandiex tiddecidi u tiddikjara illi s-socjeta attrici sofriet danni minhabba dan il-waqfien;

3. M’ghandiex tillikwida d-danni sofferti mis-socjeta attrici minhabba dan il-waqfien; u

4. M’ghandiex tikkundanna lill-konvenut nomine jhallas lill-attur nomine:-

(a) is-somma ta’ seba telef liri maltin (Lm7000) mizmuma mill-konvenut in linea ta’ penali; u
(b) dik is-somma llikwidata fit-tielet talba in linea ta’ danni.

Bl-ispejjes, komprizi dawk tal-ittra ufficjali tal-10 ta’ Gunju 1994 u bl-imghax legali fuq is-Lm7000 mid-data tal-ittra ufficjali sad-data tal-effettiv pagament kontra l-konvenut li minn issa huwa ngunt ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut nomine li biha eccepixxa:

Illi t-talbiet tas-socjeta’ attici huma infondati fil-fatt u fid-dritt stante illi ebda ammont m’hu dovut u dan skond il-ftehim li kien sar bejn il-partijiet.

Rat id-dikjarazzjoni guramentata tal-partijiet u l-listi tax-xhieda;
Rat ir-relazzjoni tal-perit tekniku l-AIC David Pace minnu mahlufa fl-udjenza tal-11 ta’ Marzu 2002 [Fol.77 et seq.];
Rat l-atti kollha tal-kawza;
Semghet il-provi bil-gurament;
Ikkunsidrat;

Illi b’ kuntratt ta’ appalt datat 1 ta’ Awissu 1991 is-socjeta’ attrici obbligat ruhha fil-konfront tas-socjeta’ konvenuta li tesegwixxi xoghol fuq sit tal-Power Station f’ Delimara fiz-zmien hemm stipulat u that hlas ta’ penali f’ kaz ta’ dewmien. Sussegwentement is-socjeta’ attrici inghatat xoghol extra, b’ termini godda, bir-rizultat li kien hemm dewmien sakemm gie finalizzat ix-xoghol. Ta’ dan id-dewmien is-socjeta’ konvenuta zammet is-somma ta’ Lm7,000 bhala penali.

Bil-procedura odjerna l-atturi qed jikkontestaw il-fatt allegat mill-konvenuti li d-dewmien kien attribwibbli ghalihom u jsostnu li dan kien dovut unikament u esklusivament ghal-ragunijiet imputabbli lill-Korporazzjoni konvenuta. Konsegwentement qed jikkontestaw l-imposizzjoni u z-zamma tal-penali da parti tal-istess koporazzjoni; kif ukoll qed jippretendu li l-istess Koporazzjoni taghmel tajjeb ghad-danni sofferti mis-socjeta’ attrici minhabba l-waqfien mix-xoghol.

Illi ghal dan il-ghan gie nominat perit tekniku, il-Perit David Pace sabiex, wara li jisma’ x-xhieda kollha u jesamina d-dokumenti prodotti, jirrelata dwar it-talbiet attrici. Il-perit ikkonkluda li t-talbiet attrici ghandhom jigu milqugha limitatament ghas-somma ta’ tlettax il-elf u tmien mitt lira maltin [Lm13,800] “ghas-saldu tal-pretensjonijiet kollha”

attrici [Fol.100]. Din is-somma tirrappresenta bilanc wara tnaqqis ta' Lm2,300 bhala penali mis-somma globali ta' Lm16,000. Il-perit tekniku wasal ghal din il-figura globali wara esposizzjoni dettaljata dwar il-fatturi u konsiderazzjonijiet li wasslu ghal din il-konkluzjoni, kontenuti fir-relazzjoni tieghu li din il-Qorti qeda taddotta fl-intier taghha.

Illi z-zewg partijiet fin-noti tal-osservazzjonijiet taghhom ilmentaw dwar xi aspetti ta' din ir-relazzjoni, imma ma saret ebda talba ghan-nomina ta' periti perizjuri, u din il-Qorti, in mankanza ta' tali talba u fin-nuqqas ta' ragunijiet gravi u serji, thoss li m'ghandhiex tiddisturba l-kostatazzjonijiet u konkluzjonijiet raggjunti mill-perit tekniku minnha inkarigat.

Illi fin-nota taghhom l-atturi talbu li din il-Qorti, in vista tat-tul taz-zmien li hadu l-proceduri odjerni sabiex jigu konkluzi, tordna li l-imghax fuq l-imsemmi ammont jibda jiddekorri mid-data tal-ittra ufficjali tal-10 ta' Gunju 1994.

In propositu l-Qorti tosserva li ghal din it-talba josta l-principju legali *in illiquidis non fit mora*. Izda fil-gurisprudenza gie accettat li meta l-ammont ikun indikat fl-att tac-citazzjoni, allura huwa permissibbli li l-Qorti tordna li fuq dak l-ammont, jew fuq ammont inferjuri ghal dak indikat, jibda jiddekorri l-imghax mid-data tal-prezentata tal-att tac-citazzjoni [App.C. Mario Sacco vs Peter Muscat Scerri deciz 31 ta' Jannar 2003]. Fil-kaz in disamina, din il-Qorti, tenut kont tal-fatt li l-ammont ta' Lm7,000 bhala penali gie indikat fl-att tac-citazzjoni, u tenut kont li skond il-gurisprudenza l-penali hi meqjusa bhala danni prelikwidati, huwa konformi mal-principji gurisprudenzjali li l-imghax fuq is-somma ta' Lm7,000 <u>bhala parti mill-ammont dovut</u> lill-atturi, jibda jiddekorri mid-data tal-prezentata tac-citazzjoni, filwaqt li l-imghax fuq il-kumplament jibda jiddekorri mid-data tal-lum.

Ghal dawn il-motivi tiddecidi billi, previa l-adozzjoni in toto tar-rapport tal-perit tekniku, tilqa' t-talbiet attrici kif dedotti, izda limitatament ghas-somma komplessiva ta' tlettax il-elf u tmien mitt lira maltin [Lm13,800] kif fuq indikat, u

tikkundanna lill-Korporazzjoni konvenuta thallas lis-socjeta' attrici din is-somma ta' Lm13,800, flimkien mal-imghax legali kif fuq indikat; bl-ispejjez a kariku tal-Korporazzjoni konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------